C/2024/1927

28.2.2024

Avviż għall-attenzjoni ta' ċerti persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2074 u fl-Anness IV tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela

(C/2024/1927)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tas-Sur Carlos Alberto CALDERÓN CHIRINOS (Nru 21), is-Sur Rafael Antonio FRANCO QUINTERO (Nru 23), is-Sa Tania D'AMELIO CARDIET (Nru 49) u s-Sur José Miguel DOMÍNGUEZ RAMÍREZ (Nru 50), persuni li jidhru fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2074 [1] u fl-Anness IV tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2063 [2] dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela.

Il-Kunsill biħsiebu jżomm il-miżuri restrittivi kontra l-persuni msemmija hawn fuq b'dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet emendati.

Dawk il-persuni huma b'dan infurmati li jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill biex jiksbu d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet prevista għad-deżinjazzjoni tagħhom, qabel is-7 ta' Marzu 2024, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1 Horizontal and Global Affairs
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Email: sanctions@consilium.europa.eu

[1] ĠU L 295, 14.11.2017, p. 60.
[2] ĠU L 295, 14.11.2017, p. 21.